

# Meta Santa Tereża libset il-libsa tal-Kunċizzjoni

P. Martin Borg OCD

Kienu diversi l-ġrajjiet li seħħew matul is-snin, u li komplew għanew l-istorja glorjuża tal-Knisja Konventwali ta' Santa Tereża ġewwa l-belt sabiħa ta' Bormla. Insemmu pereżempju t-twaqqif ta' dan il-kunvent f'kulleġġ missjunarju mill-Papa Urbanu VIII fit-2 ta' Marzu 1644, il-funeral u d-difna f'din il-knisja tal-Inkwiżitur Carlo Cavalletti fis-16 ta' Mejju 1652. Is-serqa tal-pissidi bl-Ostji ikkonsagrati u s-sejba tiegħu nhar it-18 ta' Ottubru 18 u ġrajjiet oħra li jagħmlu dan il-kunvent wieħed mill-postijiet interessanti mhux biss ġewwa Bormla imma ukoll f'pajjiżna.

Minkejja dan, il-Knisja u l-kunvent ta' Santa Tereża dejjem żamm il-karatteristika tiegħu ta' post sagru u ta' ġabra. Il-Patrijiet ftit li xejn kienu jixirfu l-barra mill-kunvent, minħabba li l-Kostituzzjonijiet xi ftit iebsa li kienu jħarsu ma kienux jippermettuwlhom li jagħmlu dan. Minħabba f'hekk, sa minn dejjem, il-festa titulari tal-Knisja, li kienet ukoll il-festa tal-Omm Fundatriċi tal-Patrijiet Karmelitani Skalzi – Santa Tereża ta' Ġesù – kienet issir bl-akbar pompa u solennità fejn jidħlu l-festi ta' ġewwa l-knisja, imma festi esterni xejn... tinxtegħel iċ-ċinta tal-knisja, qabel bit-tazzi taż-żejt, u aktar tard bil-bozoz, u xejn iżjed. Minħabba l-fatt li l-Patrijiet ma kinux joħorġu, ma kienx xieraq li toħroġ Santa Tereża bil-purċissjoni.

F'okkażjonijiet speċjali però, bħal f'xi Ċentinarju, l-istorja kienet tinbidel, u biex jitfakar dan l-avveniment kienu jsiru festi esterni speċjali li s-soltu ma jsirux. L-ewwel okkażjoni li nafu biha hija l-festi kbar li kienu saru biex jitfakkar it-tielet Ċentinarju mill-Mewt ta' San Ġwann tas-Salib, sieħeb Santa Tereża ta' Ġesù fir-riforma Tereżjana tal-Karmelu. Dan kien seħħ f'Novembru tas-sena 1891.



*Il-Knisja armata fiċ-Ċentinarju ta' San Ġwann tas-Salib, li jidher armat fuq l-artal maġġur taħt il-Mant tal-Kunċizzjoni*

Li jibqa' mfakkar f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kbar li kienu jseħħu matul is-snin huwa l-kollaborazzjoni

kbira li kien ikun hemm bejn il-Patrijiet Tereżjani u l-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Bormla, kollaborazzjoni li qatt ma kien hawn imkien bejn Kapitlu ta' Kolleġġjata u knisja oħra fil-limiti tal-istess Parroċċa.



Il-Knisja armata għall-Festa ta' Santa Tereża. Din is-sena l-istatwa kienet intramat fuq il-Bankun tal-Kunċizzjoni

Hawn se nsemmi ħames okkażjonijiet differenti fejn għal xi ċelebrazzjoni ta' xi Ċentinarju, il-knisja ta' Santa Tereża kienet iżżejnet bl-armar rikk tal-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla. L-ewwel darba li nafu li seħħ dan kien għall-okkażjoni li semmejna aktar 'il fuq; ir-raba ċentinarju mill-mewt ta' San Ġwann tas-Salib f'Novembru tal-1891. Għal din l-okkażjoni kienet inħarġet min-niċċa tagħha l-istatwa artistika ta' San Ġwann tas-Salib, maħduma fl-injam u attribwita lill-iskultur Spanjol Gregorio Fernandez, u tpoġġiet fuq il-ġilandra tal-irħam tal-altar maġġur taħt il-mant rikk tal-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Parroċċa, mant sabiħ li jinżel mill-kuruna tal-fidda miżmum minn żewġ anġli li huma l-kapulavur ta' Vincenzo Bonnici. Xhieda ta' dan għadu jeżisti permezz ta' ritratt antik. Għal din l-okkażjoni kienu nġiebu l-linef tal-parroċċa li kienu għadhom fi stat primittiv ħafna bix-xema tal-konsum billi kien għadu ma jeżistix l-elettriku.

It-tieni ċelebrazzjoni li nafu biha huwa t-tielet Ċentinarju mill-Kanonizzazzjoni ta' Santa Tereża, festi li seħħew, f'Ottubru tal-1922. Dakinhar kienu ramaw il-Knisja b'ħafna oġġetti prezzjużi tal-Knisja Parrokkjali. L-Altar Maġġur bil-gandlieri u l-appostli, imsejħin tal-Marjanu għaliex huma xogħol Marjanu Gerada, il-fjuretti bil-gastri tal-fidda, il-ventaltar tal-fidda, il-karti tal-glorja, it-tagħmir kollu tal-fidda għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, l-apparat tas-solennità irakkmat, il-linef tal-fratellanza tal-Kurċifiss, il-bradella u l-pedestall l-antik tal-Kunċizzjoni biex fuqhom titpoġġa l-istatwa ta' Santa Tereża li kienet xogħol Karmenu Mallia mlaqqam 'il-Lhudi' kif ukoll it-tmien ġastri bil-fjuretti għal fuq il-bradella tal-istatwa kif kien jintuża dak iż-żmien mal-vara tal-Kunċizzjoni.



Is-sena 1951. F'din is-sena l-Parroċċa kienet selfet lill-Knisja ta' St Tereża l-lampier tal-Kunċizzjoni flimkien mal-akkolti u s-Salib tal-Kleru

Kien inġieb ukoll il-lampier tal-fidda tal-Altar Maġġur. Jingħad li għall-pavaljun il-kbir mal-arkata ta' fuq l-altar kienu ntużaw żewġ pavaljuni mġantin flimkien minn tal-knisja parrokkjali. Xhieda ta' dan għad għandna wkoll ritratt.

It-tielet okkażjoni kien is-seba Ċentinarju tal-Iskapular Mqaddes tal-Karmnu f'Lulju/ Awwissu tas-sena 1951. Għal din l-okkażjoni kien inġieb il-ventaltar tal-fidda, il-lampier tal-altar maġġur, l-ostensorju tar-relikwa tal-Kunċizzjoni, l-akkolti u s-salib tal-Kleru. Il-Kapitlu kien offra anke li jittieħdu l-linef, imma l-patrijiet beżgħu mir-responsabbiltà, billi huma oġġetti delikati biex iġġorrhom.

Ir-raba' okkażjoni kienet iċ-Ċentinarju tar-Riforma Tereżjana li seħħ f'Awwissu-Ottubru tal-1961. Għal din l-okkażjoni kienu nġiebu tista' tgħid l-istess oġġetti, il-Ventaltar, il-lampier, is-salib tal-Kleru l-akkolti u xi oġġetti oħra bżonnjużi. Għal din l-okkażjoni kienu offruti ukoll il-linef imma għal darb'oħra l-Patrijiet ma riedux jieħdu responsabbiltà.

Qabel ma nkomplu, tajjeb li naraw x'kien iwassal għal dawn il-ġesti straordinarji li seħħew min-naħa tal-Kapitlu ta' Bormla lejn il-Patrijiet. Sa qabel it-tieni gwerra dinjija, il-kanonċi tal-Kolleġġjata ta' Bormla kienu jkunu ukoll Terzjarji Tereżjani, jiġifieri membri tal-ordni Karmelitan Tereżjan. Diversi kanonċi kienu jippreferu li jħallu wara mewthom l-oġġetti prezzjużi tagħhom, bħal pjaneta irrakkmata, is-salib pettorali jew il-kalċi lill-knisja ta' Santa Tereża, u li għadhom miżmuma b'għożża kbira sal-lum. Għaldaqstant billi l-kanonċi kienu wkoll Terzjarji, kienu jqisu l-Knisja ta' Santa Tereża bħala tagħhom ukoll, għalhekk ma kinitx problema li jarmawha bl-oġġetti tal-parroċċa.

Wara l-gwerra is-sitwazzjoni nbidlet. Għall-okkażjoni taċ-Ċentinarji tal-1951 u l-1961, il-kapitlu ddeċieda li jsellef l-oġġetti prezzjużi lil Santa Tereża bħal ventartal il-lampier u oġġetti oħra, għall-fatt li f'dak iż-żmien Santa Tereża kellha s-support ta' ħafna min-nies ta' Bormla, il-kapitlu beża' li f'Santa Tereża jibdew isiru oġġetti prezzjużi li jikkompetu



*Is-sena 2015. Din is-sena l-artal maġġur kien armat bl-apparat tal-fidda tal-Festa tal-Kunċizzjoni. Tidher ukoll l-istatwa ta' Santa Tereża armata fuq il-Pedestall ta' San Ġużepp u l-Bankun tiegħu*

ma' tal-Parroċċa, għalhekk biex dawn ma jsiru qatt, kienu jagħtuhom tagħhom... ħaġa li ġġiegħlek titbissem illum imma hija parti mill-istorja interessanti ta' Bormla.


Santa Tereża ħierġa mill-Kolleġġjata ta' Bormla

Fl-1982 kien iċċelebrat irraba Ċentinarju mill-mewt tal-Omm tagħna Santa Tereża ta' Ġesù. Billi dak iż-żmien ma tantx kien hawn relazzjoni tajba bejn l-Arċipriet u l-kapitlu, u l-komunità Tereżjana, għaldaqstant ma kienu tawhom xejn. Mhux biss imma minn naħa tal-kapitlu kienu għamlu ħafna diffikultajiet biex setgħu jsiru xi festi esterni biex jitfakkar dan iċ-ċentinarju. L-istorja kienet waslet anke għand l-Arċisqof ta' dak iż-żmien. Ma tagħti tort lil ħadd... l-Arċipriet u xi membri tal-Kapitlu forsi beżgħu li jinħoloq xi partit... li skonti kien biża' bla sens għax żgur li ebda Bormliż mhu se jħalli lill-Kunċizzjoni biex imur ma' Santa Tereża. Il-Bormliżi żgur li f'qalbhom għandhom lill-Immakulata l-ewwel, imma wkoll lill-Santa Tereża.

L-akbar okkażjoni li qatt seħħet f'din il-Knisja ta' Santa Tereża huwa ċ-Ċentinarju tal-Ħames mitt sena mit-twelid tal-Omm tagħna Santa Tereża ta' Ġesù, festi li seħħew f'Ottubru ta' din is-sena u li żgur se jibqgħu mfakkra fl-istorja ta' dan il-kunvent b'ittri tad-deheb. Għal din l-okkażjoni memorabbli, li għaliha assistejna aħna stess, il-Knisja ta' Santa Tereża f'400 sena ta' storja qatt żgur ma kienet armata sabiħa daqs din id-darba. Għal din l-okkażjoni l-Artal Maġġur kien armat bil-gandlieri Appostli, ġastri bil-fjuretti, il-karti tal-glorja u l-ventartal, kollox tal-fidda 'prima klassi' li jintramaw fil-parroċċa fl-okkażjoni tas-Solennità tal-Kunċizzjoni... ħaga li qatt ma ġrat qabel. Intrama ukoll il-lampier il-kbir, l-ostensorju tal-Kunċizzjoni, is-sitt gandlieri tat-translazzjoni, is-salib tal-kleru, l-akkolti, u l-istatwa sabiħa u devota ta' Santa Tereża kienet armata fuq il-pedestall u l-bradella din id-darba ta' San Ġużepp, bil-girlanda u l-ġastri ukoll. Dan il-ġest tal-Arċipriet Dun Reuben Micallef u l-kapitlu preżenti żgur li se jibqa' mfakkar b'għożża kbira fl-istorja glorjuża ta' din il-knisja u l-kunvent, u l-Patrijiet Tereżjani żgur li se jibqgħu grati għal din l-għaqda u mħabba li teżisti bejn il-Kapitlu u l-komunità ta' Santa Tereża.